

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2021 – AI vs ECDC

(Kawża T-65/19) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Persunal tal-ECDC – Fastidju psikoloġiku – Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal – Talba għal assistenza – Portata tad-dmir ta’ assistenza – Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal – Riżenja tal-awtur tal-aġir ikkritikat – Assenza ta’ ftuħ ta’ proċedura dixxiplinari – Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal – Risposta għat-talba għal assistenza – Rikors għal annullament – Att li jikkawża preġudizzju – Ksur tad-dritt għal smiġh – Nuqqas ta’ motivazzjoni – Rifjut ta’ aċċess għar-rapport ta’ investigazzjoni u għal dokumenti oħra – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Responsabbiltà”)

(2021/C 357/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: AI (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avocates)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (rappreżentanti: J. Mannheim u A. Iber, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avocats)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-ECDC tat-18 ta' Mejju, tal-20 ta' Ġunju u tas-26 ta' Ottubru 2018 meħuda b'risposta għat-talba għal assistenza tar-rikorrent minħabba fastidju psikoloġiku kif ukoll għat-talba tiegħu ta' aċċess għal ċerti dokumenti u, min-naħa l-oħra, għal kumpens għad-dannu li huwa ġarrab.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) tat-18 ta' Mejju 2018 adottata b'risposta għat-talba għal assistenza mressqa fl-20 ta' Ġunju 2017 minn AI hija annullata.
- 2) Id-deċiżjoni tal-ECDC tal-20 ta' Ġunju 2018 hija annullata sa fejn irrifjutat lil AI l-aċċess għall-partijiet mhux kunfidenzjali u li jikkonċernawh tar-rapport ta' investigazzjoni relatat mat-talba għal assistenza tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 u tal-ittra elettronika ta' A tas-17 ta' Jannar 2018.
- 3) Id-deċiżjoni tal-ECDC tas-26 ta' Ottubru 2018 li tiċħad l-ilment ta' AI tat-2 ta' Lulju 2018 hija annullata.
- 4) It-talba għal kumpens għad-danni hija miċħuda.
- 5) L-ECDC għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, tliet kwarti tal-ispejjeż ta' AI.
- 6) AI għandu jħallas kwart tal-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 131, 8.4.2019.